Nru. 393

AWTORITÀ TA' L-IPPJANAR

Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni

Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri

Mitħna
Triq San Ġwann, Bormla

(ara l-pjanta f'paġna 3993) tista' tkun ta' valur arkitettoniku storiku hekk li għandha tkun inkluża fil-Lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-mitħna msemmija tinsab fil-periklu li tiġi demolita, danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-Mitħna msemmija hawn fuq, skond artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-Mitħna fi Triq San Ġwann, Bormla, murija fil-pjanta fuq paġna 3993 għandha titqies bħala bini ta' Grad 2, skond il-*Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valur storiku u arkitettoniku tagħha.

(ii) Ma jistgħux isiru xogħlijiet jew alterazzjonijiet f'ebda parti tal-Mitħna.

(iii) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra fuq l-istruttura msemmija, li jista' jkunu permessi, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-mitħna tiġi demolita jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

It-18 ta' Ġunju, 1996

No. 393

PLANNING AUTHORITY

Emergency Conservation Order

Section 47 of the Development Planning Act, 1992

THE Planning Authority believes that the following structure, namely

Windmill
Triq San Ġwann, Bormla

(see site plan on page 3993) could be of architectural and historical value such that it should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act, 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above Windmill in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The Windmill at Triq San Ġwann, Bormla, shown on site plan on page 3993, is to be considered as a Grade 2 listed structure as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of its architectural and historic value.


(ii) No internal or external alterations will be permitted to any part of the said Windmill.

(iii) All developments, alterations or interventions on the above structure, which might be permissible, must be approved in advance by the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this order.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

18th June, 1996



PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map:- Min E56410, N70584 Max E568331, N710491

St. Francis Ravelin
Floriana

PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

Title :-

Emergency Conservation Order:
Windmill
Triq San Gwann, Bormla

Ref No. :- GF 420/96

Form No. :- MU003